MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 678/2010/1

**Mehmet Serdar Koca (Passaport Tork Numru 131830)**
**fil-kwalita` tieghu ta' Managing Director**
**ghan-nom u in rappreżentanza ta'**
**PEICC INSAAT TAAHHUT SAN. VETIC. LTD. STI –**
**socjeta` registrata Istanbul fit-Turkija.**

**v.**

**Dr.  Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali**
**Veronica Rossignaud b'digriet tat-12 ta' Ottubru 2010**
**gew nominati**
**Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti**
**ERCAN ENGIN, SERHAN ENGIN u ESENCO MAKINA**
**TAAHHUT LTD SIRKETI**

**kif debitament awtorizzat u b'digriet tat-22 ta' Ottubru 2010**
**l-Avukat Dottor Antoine Cremona gie awtorizzat jassumi l-atti**
**bhala mandatarju specjali tal-assenti ERCAN ENGIN u b'digriet**
**tat-22 ta' Ottubru 2010 l-Avukat Dottor Kris Borg gie awtorizzat jassumi l-atti bhala mandatarju specjali tal-assenti SERHAN ENGIN u s-socjeta` estera ESENCO MAKINA TAAHUT LTD SIRKET**

**Il-Qorti:**

Fit-12 ta' Mejju, 2011 il-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat sentenza preliminari fil-kawza fl-ismijiet hawn fuq imsemmija billi cahdet l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti li tittratta u tiddeciedi din il-kawza kif sollevata minn kull konvenut nomine billi ddikjarat li hi ghandha gurisdizzjoni biex tittratta u tiddeciedi din il-kawza u b'hekk ordnat il-prosegwiment tal-istess kawza.

Minn din is-sentenza parzjali appella l-intimat Ercan Engin b'rikors intavolat fil-31 ta' Mejju, 2011 fejn talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka l-imsemmija sentenza prevja l-akkoljiment tal-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni u kwindi tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata.

Is-socjeta` appellata pprezentat risposta ghall-appell imsemmi fejn, bhala linja preliminari resqet l-pregudizjali tal-irritwalita` u nullita` tal-appell "*stante illi l-appellanti ma ottemperawx ruhhom mad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 231 u 234 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante li huma interponew appell quddiem din il-Qorti tal-Appell minn sentenza parzjali minghajr ma talbu l-permess tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili……* "

Din il-kwistjoni giet trattata mid-difensuri tal-kontendenti fl-udjenza tal-ewwel ta' Novembru, 2011 u l-appell imholli ghas-sentenza fuq din l-pregudizjali ghas-seduta tal-lum.

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti kellha okkazzjoni llum stess tiddeciedi materja identika ghall-kwistjoni li giet sollevata f'dawn il-proceduri u cioe` dwar jekk appelli minn decizjoni dwar il-gurisdizzjoni tal-Qorti jehtiegux l-awtorizzazzjoni tal-Qorti li tkun tat is-sentenza preliminari. Din id-decizjoni nghatat fl-appell fil-kawza fl-ismijiet **Gaming VC Corporation Ltd v. Boss Media Malta Casino Limited et** Rikors numru 396/2010 fejn din il-Qorti rriteniet li appelli minn sentenzi preliminari rigwardanti l-gurisdizzjoni tal-Qorti ma jirrikjedux l-awtorizzazzjoni tal-Qorti li tkun ppronunzjat is-sentenza. Ghalhekk a skans ta' ripetizzjoni qed tigi riprodotta hawn taht dik il-parti tas-sentenza msemmija fejn jinsabu l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti. Hemm inghad hekk:

"Dan hu provvediment dwar l-irritwalita` u nullita` ta' l-appell intavolat mis-socjetajiet konvenuti in segwitu ghas-sentenza tal-prim'awla tal-qorti civili moghtija fit-12 ta' Mejju, 2011 fil-kawza fl-ismijiet premessi.

"Bis-sentenza msemmija l-ewwel qorti kienet cahdet l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni sollevata mis-socjetjiet konvenuti. L-istess socjetajiet hassew ruhhom aggravati bl-imsemmija sentenza u konsegwentement ipprezentaw appell fis-27 ta' Mejju 2011 minn dik is-sentenza parzjali. Is-socjeta` attrici appellata, fir-risposta taghha osservat illi dan l-appell gie intavolat minghajr ma s-socjetajiet konvenuti ottemperaw ruhhom mal-provvedimenti tal-Artikolu 231 u 234 tal-Kap XII tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` minghajr ma talbu l-permess tal-prim' awla tal-qorti civili, kien ghalhekk li issollevat il-pregudizzjali tal-irritwalita` u nullita` ta' dan l-appell. Fl-udjenza tal-15 ta' Novembru, 2011 id-difensuri tal-partijiet ttrattaw dan l-incident u l-appell thalla ghas-sentenza fuq din il-kwistjoni ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidrat:**

"Mhux kontestat li s-socjetajiet intimati pprezentaw l-appell taghhom mis-sentenza preliminari minghajr ma talbu l-

permess tal-qorti a tenur tal-Artikolu 231 tal-Kap 12 biss dawn l-istess socjetajiet jikkontestaw l-pregudizjali billi jirritjenu li fil-kaz ta’ sentenza dwar il-gurisdizzjoni o meno tal-Qorti mhux mehtieg tali permess. Ghal kjarezza qed jigu riprodotti hawn taht l-artikoli imsemmija mis-socjeta` appellata u fuq liema qed tistrieh is-sottomissjoni taghha dwar in-nullita tal-appell.

“L-artikolu 231 jipprovdi hekk:

““(1) Jekk diversi kwistjonijiet f’kawza jinqatghu b’sentenzi separati, jista’ jsir appell minn kull wahda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiz-zmien li jmiss li jibda jghodd mill-jum meta tinghata l-ahhar sentenza; u f’dak l-appell ghandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell:

Izda appell minn dawk is-sentenzi separati jista’ jsir qabel l-ahhar sentenza biss bil-permess tal-qorti moghti fil-qorti bil-miftuh; u din it-talba ghal permess biex isir appell ghandha ssir jew verbalment meta tinghata s-sentenza jew b’rikors fi zmien sitt ijiem minn dik is-sentenza u meta jinghata dak il-permess biex isir appell minn dawk is-sentenzi separati, iz-zmien biex jigi prezentat l-appell relattiv ghandu jibda ghaddej mill-jum minn meta jinghata dak il-permess fil-qorti bil-miftuh.”

“(2) Omissis …..

“L-artikolu 234 jiddisponi hekk:

“Bla hsara tad-disposizzjonijiet specjali ohra ta’ dan il-Kodici dwar l-eccezzjoni ta’ l-inkompetenza minhabba x-xorta tal-haga fil-kawza, minn kull sentenza moghtija minn kull qorti fuq il-kompetenza taghha li tiehu konjizzjoni mill-kawza, jista’ jsir appell; u l-qorti tista’ twaqqaf is-smigh tal-kawza sakemm jinqata’ dak il-punt fil-qorti fi grad ta’ appell, meta ebda wahda mill-partijiet ma tipprova lill-qorti, li t-twaqqif tas-smigh tal-kawza jista’ jkun ta’ hsara ghaliha.”

“**Ikkunsidrat.**

"Mill-artikoli fuq riportati, li, ghandu jinghad, gew emendati *di recente* minhabba ezigenzi ta' natura prattika billi hafna appelli minn sentenzi parzjali kienu qed johonqu l-process gudizzjarju, jidher li filwaqt li l-legislatur ried li, bhala regola generali, appelli minn sentenzi parzjali ma jsirux, hlief flimkien mas-sentenza finali, eccetto meta dan id-dritt jinghata lill-parti interessata fuq talba ghal dan il-ghan, l-istess legislatur zamm apparti dawk l-appelli li jikkoncernaw sentenzi preliminari dwar il-kompetenza tal-istess qorti. Infatti fl-artikolu 234 jinghad li f'dawn il-kazi "*minn kull sentenza moghtija minn kull qorti fuq il-kompetenza taghha li tiehu konjizzjoni mill-kawza, jista' jsir appell;"* u f'dan il-kaz il-legislatur ma hass li kien hemm il-htiega, bhala ma jinghad fl-artikolu 231 li, jintalab permess lill-Qorti biex jigi intavolat dan l-appell. Infatti dwar awtorizzazzjoni ma jinghad xejn.

"Ghalhekk hawn insieb distinzjoni netta bejn appelli minn sentenzi preliminari ta' kull generu li jehtiegu l-awtorizzazzjoni tal-qorti biex dak l-appell jigi ntavolat qabel is-sentenza finali, u dawk l-appelli minn sentenzi preliminari dwar il-kompetenza tal-qorti li ma jehtiegux din l-awtorizzazzjoni. Naturalment sentenza dwar kompetenza fejn il-qorti tiddikjara li ma ghandhiex gurisdizzjoni tiehu konjizzjoni tal-kawza, qatt ma tista` tirrikjedi l-permess tal-qorti li tkun ppronunzjata biex isir appell u dan billi tali sentenza, fiha nnifisha, ma tkunx wahda preliminari izda pjutttost finali billi b'dak il-pronunzjament il-gudizzju jigi terminat. F'dan il-kaz il-legislatur ma kellux bzonn li jipprovdi billi jkunu japplikaw l-provvediment generali koncernanti appelli minn sentenzi finali. Biss fil-kaz ta' sentenza fejn il-Qorti tkun cahdet l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni taghha, u b'hekk iddikjarat ruhha kompetenti li tiehu konjizzjoni tal-kaz, bhal fil-kaz in ezami, dik is-sentenza tkun wahda preliminari billi l-process gudizzjarju jibqa' mixi. F'dan il-kaz, ghalhekk, il-legislatur, kieku ried, halla l-kwistjoni ta' l-appellabilita` minn dik is-sentenza qabel is-sentenza finali li tigi regolata bl-artikolu 231 bhal kazijiet l-ohra. Izda jidher li dan ma kienx dak li ried il-legislatur billi mhux talli f'dawn il-kazi, kkonferixxa dritt ta' appell lill-parti

interessata minghajr ir-rekwiziti msemmija fl-artikolu 231, talli ddispona oltre meta kkonferixxa fuq il-qorti ta' prim istanza d-diskrezzjoni tal-ghazla li "*twaqqaf is-smigh tal-kawza sakemm jinqata dak il-punt fil-qorti fi grad ta' appell*" .

Kif jidher din is-sentenza tattalja ruhha ghac-cirkostanzi prezenti u ghalhekk, ghall-istess ragunijiet moghtija fis-sentenza citata, din il-Qorti tichad il-pregudizjali sollevata fir-risposta ta' Mehmet Serdar Koca nomine billi tiddikjara l-appell mis-sentenza preliminari tat-12 ta' Mejju, 2011 bhala validu u tiddiferixxi l-appell ghall-kontinwazzjoni ghas-seduta ta' nhar it-Tlieta ghoxrin (20) ta' Marzu 2012 fid-disgha u nofs ta' filghodu (9.30am). L-ispejjez ta' dan l-incident ikunu a karigu tal-appellat Mehmet Serdar Koca nomine.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------